MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 36/2009/1

**Anthony Camilleri u martu Mary Elizabeth Camilleri**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-30 ta' Gunju 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-17 ta' Novembru 2009, li jaqra hekk :-*

*‘Peress illi l-atturi ghandhom jiehdu minghand il-konvenut is-somma ta’ elf sitt mija u hdax–il Ewro u tmien centezmi (€1,611.08) ammont ta’ hlas ta’ appogg likwidat mill-Perit Teddie Busuttil skond l-istima hawn annessa u markata Dokument A minhabba akkomunament mal-fond tal-attur bil-bini li ghamel il-konvenut f’Church Street, Gharb, Ghawdex ;*

*Peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont minnu dovut, huwa baqa’ inadempjenti ;*

*Jghid il-konvenut il-ghaliex huwa m’ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta’ elf sitt mija u hdax –il Ewro u tmien ewro centezmi (€1,611.08) bhala likwidazzjoni ta’ l-appogg kif intqal hawn fuq jew somma ohra li tigi likwidata minn dan it-Tribunal bhala dovuta ;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Settembru 2009, u bl-imghaxijiet skond il-ligi ;*

*Bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.’ ;*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-8 ta’ Marzu 2010, eccepixxa :-*

*‘1. Illi d-domandi attrici huma preskritti bid-dekors ta’ hames (5) snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili , Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;*

*2. Illi l-konvenut ma ghandux jaghti l-ammont mitlub mill-attur fl-avviz tat-talba ;*

*3. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom ;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’ ;*

*Sama’ l-provi tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni mqajma mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni ;*

*Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari ;*

*Ikkunsidra :*

*Illi ma jidhirx mill-atti li hemm ebda kontestazzjoni dwar l-applikabilita' tat-terminu ta' hames snin ghall-preskrizzjoni tat-talba attrici a norma tal-artikolu 2156 (f) [Prim'Awla,* ***Teresa Schembri et vs Joseph Delia****, 5 ta' Marzu 1981, konfermata in sede appell fis-7 ta' Marzu 1984] ;*

*L-attur lanqas mhuwa jikkontesta li ma ghaddewx hames snin minn meta l-konvenut irrenda l-hajt divizorju komuni. Ghal dak li jirrigwarda t-terminu ta' hames snin dan evidentemenet ghandu jibda jghaddi minn dik il-gurnata illi fiha l-konvenut ikun ittermina x-xogholijiet kollha tieghu li bihom huwa jkun ghamel komuni l-hajt divizorju kostruwit mill-parti l-ohra. Il-kont tal-Perit Teddie Busuttil esibit minnu stess datat it-12 ta' Frar 2002 (dokument A), li hareg wara li l-konvenut kien appoggja mal-hajt divizorju, jikkonferma li sa meta giet spedita l-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2009, kontra l-konvenut, kienu ghaddew kwazi sebgha snin u sebgha xhur. L-istess Perit Busuttil jikkonferma wkoll li l-attur kien talbu biex imur ikejjel il-hajt divizorju li l-konvenut ghamel komuni qabel is-sena 2002. Kien mar ikejlu mhux fil-prezenza tal-konvenut il-ghaliex skond kif kien qallu l-attur stess kien qata' qalbu jigri wara il-konvenut  biex jiftiehem mieghu dwar il-gurnata meta l-perit kellu jmur ikejjel il-hajt fil-prezenza taz-zewg partijiet. Huwa evidenti mix-xhieda tal-Perit Busttil li dan kollu sehh qabel is-sena 2002, u dan peress li kif jistqarr hu stess il-kont huwa hargu fil-11 ta' Frar 2002, wara li kien mar ikejjel il-hajt wahdu. Fi kliem il-Perit Busuttil l-attur kien mar jinfurmah li dwar il-kwistjoni tal-appogg, il-konvenut kien ser iqabbad lill-Perit Edward Scerri bejn Jannar u Marzu tas-sena 2009, izda l-Perit baqa' la ltaqa' u lanqas tkellem la mal-Perit Scerri  u lanqas mal-konvenut dwar din il-kwistjoni, u dak li kien jghidlu l-attur mhu xejn hlief*

*detto del detto u mhuwa sorrett minn ebda provi ohra in atti ;*

*Il-Perit Edward Scerri xehed li kull ma jiftakar fic-cert kien biss li kien mar ikellmu l-attur xi tliet gimghat qabel ma' hu tela' jixhed semplicement biex ifakkru li kellu jitla' jixhed quddiem it-Tribunal, u ma ftakarx li l-attur qatt kien mar ikellmu dwar il-kwistjoni li kellu mal-konvenut. Il-Perit Scerri ma ftakarx li qatt kien iltaqa' mal-attur f'xi okkazjoni ohra precedenti, u lanqas ma ftakar li meta kien ikkonsultah il-konvenut, dan kien dwar il-kwistjoni li kellu mal-attur dwar il-hlas tal-appogg. Il-Perit Scerri esibixxa estratt mid-djarju tieghu fejn jindika li f'Mejju 2007, hu kien acceda fil-fond tal-konvenut  pero' ma ftakarx jekk il-konvenut kienx inkarigah u jekk hu kienx acceda fil-fond tal-konvenut dwar din il-kwistjoni tal-appogg tal-hajt divizorju li kellu mal-attur. Fi kwalunkwe' kaz kien x'kien is-suggett tal-laqgha tas-17 ta' Mejju 2007, bejn il-Perit Scerri u l-konvenut jirrizulta li sa dak iz-zmien kienu ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-konvenut kien irrenda komuni l-hajt divizorju ;*

*Dak li l-attur qed jikkontesta huwa fl-ewwel lok illi din il-preskrizzjoni giet interrotta bir-rikonoxximent tad-debitu mill-konvenut, u li fit-tieni lok, kien hemm ir-rinunzja da parti tal-konvenut ghad-dekors ta' zmien preskrittiv b'dak li xehed in kontro-ezami l-konvenut fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2010 ;*

*Jibda biex jigi osservat in tema ta' principju fuq is-suggett tar-rikonoxximent ta' kull debitu illi dan irid ikun car u esplicitu u li ghalhekk 'gli atti dai quali si pretendesse desumere la intenzione di rinunziare alla prescrizione siano tali da far necessariamente supporre l'abbandono del diritto acquisito … …' [**Kollez. Vol. XXV.ii.184**]. Gia' qabel din id-decizjoni kien gie rimarkat ukoll illi 'la rinunzia non si presume e dev'essere concludentemente provato; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante.' [**Kollez. Vol. XVI.i.90**] ;*

*Fid-dawl ta' dawn l-enuncjazzjonijiet dan it-Tribunal ma jistax ragonevolment jikkonkludi mill-provi in atti li d-diskussjonijiet u l-inkontri li ghalihom saret riferenza f'dan il-kaz, u dejjem jekk qatt kien hemm dawn id-diskussjonijiet u/jew inkontri bejn il-partijiet, kienu tali li jintegraw fihom ir-rikonoxximent tad-debitu jew rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata jew xi virtu' interruttiva ghall-istess preskrizzjoni. Dan it-Tribunal ikompli jsahhah din l-opinjoni tieghu fuq l-iskorta ta' dak li gie osservat u insenjat fil-gurisprudenza nostrana in materja. Gia' fis-sentenza fuq citata a* ***Vol. XXV.ii.184****, kien inghad illi l-abbandun tad-dritt akkwizit 'non si potrebbe desumere da profferte conciliative o da trattive … …'. 'L-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx l-effikacja ta' rikonoxximent tad-dejn, ghaliex proposti simili jsiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti.' [****Kollez. Vol. XXXIV.i.326****]. 'In-negozjati jew trattativi li jsiru bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekors taz-zmien biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwestjoni ma jistghax ikollhom effikacja interruttiva … …" [****Kollez. Vol. XXXVIII.iii.723****]. 'Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa jghid jew juri li huwa lest li jelimina l-kwistjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju li t-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju' [Prim'Awla,* ***Giovanna Mifsud noe et vs Rosaria Felice Gay****, 5 ta' Ottubru 1972; Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri,* ***Silvio Frendo et vs Andrew Faenza****, 2 ta' Gunju 2000] ;*

*Lanqas dak li xehed il-konvenut in kontro-ezami fl-udjenza tal-1 ta' Gunju 2010, li ma' l-attur kien irranga dwar din il-kwistjoni, izda li pero' ma baqax jiftakar id-dettalji ta' dan l-arrangament minhabba li kien ghadda hafna zmien, ma jista' jigi nterpretat minn dan it-Tribunal li l-konvenut kien b'xi mod qed jirrikonoxxi d-dejn jew li kien qed jirrinunzja ghall-preskrizzjoni. Dan l-atteggjament tal-konvenut bl-ebda mod m'ghandu jigi tradott bhala xi rikonoxximent jew rinunjza da parti tieghu tad-drittijiet pretizi fil-kawza. Anke kieku stess kellu jigi ritenut illi jezisti dubju fl-interpretazzjoni ta' dan l-istess atteggjament, kif saput, u*

*hekk ukoll akkolt fil-gurisprudenza li 'fejn jezisti dubju serju dan ghandu jmur favur dak li kontra tieghu tkun qeghda tigi akkampata rinunzja ghad-dritt.' [**Kollez. Vol XXXIII.i.44**] ;*

*Din l-eccezzjoni tal-konvenut timmerita ghalhekk li tigi akkolta ;*

*Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din l-eccezzjoni tal-konvenut billi jilqa' l-istess eccezzjoni u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ;*

*Spejjez a karigu tal-attur, b'dan illi l-ispejjez relatati man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, u cioe' dik tal-14 ta' April 2011, u n-nota replikattiva tieghu wkoll tas-27 ta' Mejju 2011, ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut billi tali noti ma kienux awtorizzati minn dan it-Tribunal, li kien ordna biss lill-partijiet li jaghmlu nota ta' riferenzi qasira li fiha jindikaw il-gurisprudenza li jidhrilhom li ghandha tapplika ghall-kwistjoni taht ezami, u dan it-Tribunal ma jarahiex gusta' li ghandu jghabbi lill-attur bl-ispejjez ta' dawn in-noti.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi ipprezentat minn Anthony Camilleri fejn in vista tal-aggravji hemm imressqa din il-Qorti thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq imsemmija, tichad ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut appellat u tilqa' t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-istess appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Carmelo sive' Charles Attard fejn issottometta li dan l-appell jig michud, u b'hekk din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appelant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Erbgha, 19 ta' Ottubru 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghat-18 ta' Jannar 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar eskluda mill-valutazzjoni tieghu certu fatti krucjali li kienu legalment ammissibbli bhala prova u dan kif indikat f'paragrafi (1) u (2) tar-rikors tal-appell li din il-Qorti qed taghmel referenza ghalihom.

Illi fl-ewwel lok jigi relevat li dak li kien deciz huwa li d-dritt tal-appogg pretiz f'din il-kawza kien gie preskritt abbazi tad-dekors ta' hames snin skond l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 u dan peress li l-kont hareg fit-12 ta' Frar 2002 (Dok. "A") u saret biss ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2009, u allura wara li kienu gia ghaddew il-hames snin.

Illi hawn l-appellant qed isostni li kien hemm interuzzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex meta huwa mar ghand il-Perit Busuttil kien qal lill-istess perit li l-konvenut kien qallu li kien ser ihallsu, u hawn l-appellant isostni li din ix-xhieda giet skartata ghaliex sostna li kienet hearsay evidence, haga li ma kellhux jaghmel l-istess Tribunal ghaliex skond l-**artikolu 9 (2) (b) tal-Kap. 380** *inter alia* l-istess Tribunal ma' kienx marbut bir-regoli dwar hearsay evidence *"if he is satisfied that the evidence before him is sufficiently reliable for him to reach a conclusion on the case before him".* L-appellant jghid li meta allura giet skartata din it-tip ta' xhieda kien hemm adirittura nuqqas ta' smiegh xieraq fil-konfront tal-attur.

Illi din il-Qorti bl-ebda mod ma taqbel ma' dan il-gravamm, u dan peress li dak li qal it-Tribunal ghandhu jittiehed fil-kuntest kollhu tieghu tal-apprezzament ta' provi li huwa ghamel dwar il-kaz fejn qal li kull ma kien hemm bhala prova kien biss li l-attur mar ghand il-Perit Busuttil sabiex isir il-kejl u l-attur kien qallu li l-konvenut kien lest li jhallsu, izda ma kien hemm ebda kuntatt bejn l-istess perit u l-perit tal-konvenut Edward Scerri u lanqas mal-konvenut, u kien biss bejn Jannar u Marzu 2009, li l-attur kien informah li l-konvenut kien ser iqabbad lill-Perit Edward Scerri; kien hawn li t-Tribunal ikkummenta li dak li qal l-attur lill-Perit tieghu dwar dak li ghamel il-konvenut kien

*“xejn hlief ditto del ditto u m’huwa sorett minn ebda prova ohra mill-atti”.* Mela allura jirrizulta li dak li qal l-attur lill-Perit tieghu dwar dak li allegatament qallu l-konvenut gie korrettament deskritt mit-Tribunal bhala detto del detto, u wkoll li anke bhala tali dak li jirrizulta mill-istess, ma kienx sorrett minn ebda element iehor ta’ prova, u ghalhekk il-verzjoni tal-attur ma gietx hekk accetta. B’dan ir-ragunament lucidu u car it-Tribunal jirrizulta li ghamel apprezzament sew tal-provi quddiemu skond ir-regoli ta’ procedura u valwazzjoni ta’ xhieda anke kif indikat fl-**artikolu 9 (2) (b) tal-Kap. 380.** B’hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni punt li dak li qal l-attur lill-Perit tieghu flimkien ma’ dak li xehed il-konvenut fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2010 (fol. 23) tammonta ghar-rinunzja ta’ preskrizzjoni, din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma’ dak sottomess mill-appellanti f’dan ir-rigward u dan peress li jirrizulta li dak allegat mill-attur li l-konvenut kien accetta li jhallas tali kreditu assolutament ma tirrizultax la pruvata u lanqas ikkoroborata mill-ebda xhud prodott f’din il-kawza; jinghad ukoll li x-xhieda tal-konvenut li qal li mal-attur kien irranga, ghalkemm id-dettalji tal-istess ma kienx jiftakarhom, ma tammontax la ghal ammissjoni tal-kreditu, la ghar-rikonoxximent ta’ dritt u wisq inqas ghar-rinunzja ta’ preskrizzjoni, u dan ghaliex sabiex dan isehh u jkun hemm interuzzjoni ta’ preskrizzjoni din trid tkun inekwivoka, volontarja, u maghmula b’mod konsapevoli b’mod li tigi esterjorizzata u ma jkun hemm l-ebda dubju dwar tali rinunzja, u dan irid jigu ppruvat minn min jallega tali rinunzja u f’dan is-sens huma s-sentenzi **“Austin Psaila vs Lother Flabick”** (A.I.C. (PS) – 9 ta’ Frar 2005); **“Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma vs Joseph Quattromani”** (A.I.C. (PS) – 19 ta’ Mejju 2004); **“Intercomp Limited vs Boris Arcidiacono Limited”** (P.A. (RCP) – 25 ta’ Marzu 2010); **“Eucharistic Gauci vs Jesmond Borg”** (A.I.C. (PS) – 14 ta’ Lulju 2004); u partikolarment ghall dak ritenut fis-sentenza **“Domenic Dep. Stores (DDS) Ltd vs Malta Dairy Products”** (A.C. (VDG) – 30 ta’ Mejju 2003 - Citaz.Numru 150/1988), fejn inghad li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc**

**Cannee nomine"** (A.C. – 30 ta' Mejju 1952 u b'referenza ghal dak li hemm indikat fl-**artikolu 2133 tal-Kap 16** li:-

*"Illi r-rikonjizzjoni interuttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta' li jigi rikonoxxut id-dritt; tista' tkun diretta u tacita, b'fatti li fihom infushom immedjatament juru l-volonta'; u tista' tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibbli mal-volonta' tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Il-kwistjoni tacita hi kwistjoni tal-volonta' prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi b'mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt".*

Illi tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li l-provi prodotti bl-ebda mod ma ppruvaw li l-konvenut irrinunzja ghall-preskrizzjoni, u din il-Qorti thoss li anke jekk kien hemm xi trattativi f'xi zmien bejn il-partijiet, tali trattativi ma' jistghux jigu kkonsidrati bhala rinunzja tal-preskrizzjoni u dan ghaliex tali trattativi sabiex tinstab soluzzjoni jinzammu dejjem bla pregudizzju, b'mod jekk l-attur qed jibbaza ruhu b'xi mod fuq rinunzja tacita din lanqas tirrizulta b'mod car u inekwivoku, u fil-fatt tali trattativi gew deskritti bhala adirittura *"mhux ammissabli bhala prova"* fis-sentenza **"Albert Mizzi nomine vs John Mousu proprio et nomine"** (A.C. – 16 ta' April 2004). L-istess jinghad fis-sentenzi **"Raymond Grech vs Stafan Borg"** (P.A. – 14 ta' Gunju 2001); **"Martin Mizzi vs Joseph Camilleri"** – A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2004); u **"Gasan Mamo Insurance Agency Limited vs Oliver Ruggier"** (A.I.C. (PS) – 3 ta' Novembru 2004). Illi ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi rigettat.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 18 ta' Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess hija

konsistenti ma' dak hawn deciz, tichad l-appell interpost mill-appellanti bir-rikors tal-appell datat 19 ta' Lulju 2011 peress li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) datata 30 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet premessi **"Anthony Camilleri et vs Carmelo sive Charles Attard"** (Avviz Numru 36/2009) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Anthony Camilleri u martu Mary Elizabeth Camilleri.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------